# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

**Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh**

IMBIERECH MILL PAPA LEONE XIII.

*Jen ir-raghai tajieb: u 'naghraf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplenae promovendae operam navatis... Apostolicam Benedictionem, auspicem coelestium gratiarum impartimus Omnibuspro quibus postulastis.*

*Littra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' oħra tal 25 ta Ottubru 1884.

*Min irid jissieheb* iħallas Hames soldi cull sitt xuhur u ghal barra min Malta biil postag: il klieħ imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

Il-Hisa Sena | 1887 | Nu. 6 Giugnu


## LIL SAN GIUSEPP

Sliem ghalich, cbir Patriarca !
Art u sema gieħ jatùch !
Nisel David, gens il barca
Geu in-nies deijem faħħrùc !
Isma 't-talb, Giuseppi 'mkaddes,
Uemm fuk jilkghu mat-tifħir,
Sabiex chif ismech jitkaddes
Ecch ucoll gid lilna isir.
Pħal Missier ta l' Iben t' Alla
Pħala t' Ommu ucol Gharùs,
Int tinsàb fis-Sema 'mtalla
Pħal Kaddis l' iżied gloriùs !
Aħna ucoll lilech inghaitu
Taghna 'lcoll Missier ħanin :
Risk il bniedem deijem taitu.
Inti tfargiu flaħħar ħin !
Ah, Giuseppi, icolloc ħniena...
Rùħna ħares mil ħtijèt ;
Chif imbaght toħroġ kalbiena
Arfa Int lilha fis-smeuuièt !

( Mill' Uard u Zahar ) C. M.

## LA PICCOLA CASA DI S. GIUSEPPE

Il gid li dan l' Istitut ghad jaghmel gia deher mil bidu. Bosta ommiet jiftahru chem uma cuntenti uliedom fieh, chem uma iccurati, u uma intant jistghu imorru jakalghu ghal famiglia! Ziara li taghmlu lill dan l' Istitut tippersuadicom. It-tfal ferhanin f' dich id-dar religiusa, u l' Orsolini uma cuntenti fil pacenzia u fil cura ta dauch it-tfal. Ir-religion taghmel tasseu il miracoli tal carità!

Nhairu lil min ghandu vocazioni li jicconcorri ma ohrain li jixtieku jahdmu f' dan l' Istitut phala religiusi; ua zmien taijeb, ghaliex fil bidu jistghu isiru grazii li ma 'z-zmien ma isirux. il ftehim isir mas-Superiura jeu l' assitenta tahha fl' Istitut Strada Ospedale No. 48 il Belt.

## IT-TESORI FIS-SEMA

Gesù Cristu mar igheid darba lid-disciputi tighu u lill cull min chien jisma: *Ghamlu tesori ghalicom in nifscom fis-sema, fein u la 's-sadid ma iherri u ankas il halliel ma jisrak.* Izda bosta nsara ma iridux jifmu x' ried igheid Gesù Cristu b' daun il chelmiet!... Ried l'izied igighel lill dauch li uraih chienu seirin, illi jnkalghu mil gid ta dina id-digna biex jahsbu ghal gid tas sema. Chem uma l' insara illi jahsbu izzejied fil huejieg ta 'd-digna u fir-reghba, u ma ificciux il huejieg t' Alla! Min ghandu gid f' din id digna, igheid l' Apostolu S. Giuan, u ma ihenx ghal proxxmu illi icun jehtieg collox, chif tistghu tgheidu illi icollu l' imhabba t' Alla? Izda narau tant drabi min ghandu l' eluf ta klieh u ta renti u ma jahsibx ghal tant fokra li, ghall' imhabba t'Alla, jista ighein, u famigli li jista ihenni! Forsi min xi dakkiet issir carità bosta, izda issir biex nehilsu mis-siccatura tal fkir li jitlobna, jeu ghal compassioni semplici u mux ghall' imhabba t' Alla. Dina ma hiex carità nisrania.—Ir-reghba igghel illi nhobbu uisk il flus, u Gesù Cristu kal *illi fein icun it-tesor ta 'r rghib*

*emm icun ucol kalbu* . Ghalecch jecch ir-ridu illi kalbu icun maklugha mill ħuejjeg ta 'd-digna, ghandna nkeisu illi milli Alla jatina jeħu il fkir u ecch aħna nistghu ngheidu illi il gid li Alla icun tana icun ghal fokra ucoll ghall' imħabba tighu.

U chif ngheidu ghal fokra, ecch ucoll ngheidu ghal l'Operi taiba illi jinħtiegiu tant, fil pajisi popolati bosta. L' Operi ta gid tal popolu u Istituti li jaghmlu tant gid lill fkir.—Ghala floch li jintghatau somom ta flus cbar ghal xi festi, jeu operi zeida, ma jintghatax ghal xi opera ta carità ? Min jati, ghandu jara fein sejjer jati, ghaliex opra min oħra figha differenza. U mentri illi tati ghal opera ta Carità tista taghmel meritu cbir, meta tati ghal operi zeida icun ħala illi ankas Alla ma iridu. Nifmu illi bi ftit cliem fteħemna. U ghad narau kuddiem Alla tant nies illi nefku flejjes cbar bill foħria u f' operi sbieħ ta deħeb ta fidda u ta gmiel u sengha mil l' acbar, izda b' ideighom ferghin mill meritu li sata icollom li nefku flusom aħiar. Ghamlu ghalecch tesori fis-sema, igifieri bl' operi taiba tasseu u mux taparsi, u issibu il maħzun ghall' eternità tal gloria.

## SACRILEG

Gabriele Jougand chien iben ta nies taiba li chienu educauħ tajjeb fl'ischejjel u fil colleggi cattolici, ta diretti Sacerdoti, leuuel f' Marsiglia imbaghad fi bliet oħra ta Franza. F' ieħed min daun il colleggi ntaka ma zaghzuħ li chellu il ħila idauuar ghal ħazen lill Jougand. Dach iz-zaghzuħ chien iben ta frammasun li chellu il ħila ideffes lill dach ibnu f' dach il collegg. Il ħazen ta Jougand ghadda il koddiem bil kari tal cotba ħziena u bit-taghlim ta dach iz-zaghzuħ ; u tilef ghal collox il fidi. U tant tilef il fidi iz-zaghzuħ Jougand, li bosta drabi tkarben bla krar jeu bi krar ħazin, biex ma jurix ħzunitu lis Superiuri tal Collegg.—Dan it-tkarbin ħazin u krar sacrileg u chien ghalieħ telfien l' actar cbir.—Meta ħareg mil collegg, sar frammasun mill'akua,

ghadu ta Cristu u tal Cnisia, u ħa l' isem ta Leo Taxil. Cull ħatt jaf chem ghamel u chem chiteb contra ir-religion u 'l morali nisrania, chem ghamel ħsara fl' insara, u dan collu ghaliex chien ghamel dauch leuuel sacrileggi. U diem ecch sa chem Alla ħenn ghalieħ u convertieħ bi grazia speciali ghat-talb ta ommu u missieru. U issa seuua il ħsarat li chien ghamel mill' aħjar li sata.—Tarau x' inuma is-sacrileggi ?—Mit-tkarbin ħazin cull ħatt ftit jeu uisk jibza, izda contu temmnu li jinsab min jaħseb li krar ħazin, bla ma titkarben uraiħ, ma ux sacrilegg ? Il krar u it-tkarbin uma it-tnein sacramenti u ghalecch zeug dnubiet, zeug sacrileggi jaghmel min ikerr ħazin u jitkarben uraiħ, u jaghmel sacrilegg uieħed min ikerr ħazin bla ma jitkarben.

F' iz-zmeniet li aħna m' ix ħagia difficili li insibu min jippersuaduħ li ma jatix cas min krar ħazin jeu min tkarbin aghar. Il fidi f' bost' uħud ia meita, u min jaghmila mal ħazin bill mot isir pħalu, bla ma irid ! Ghalecch nħeggiu il fidi taghna u jecch aħna veri nsara cattolici, naghmlu ħilitna collha biex bis-sacramenti nindafu min dnubietna u nsiru ħagia uaħda m' Alla Salvatur taghna, li tant ħabbna u ried jibka maghna fis-Sacrament ta l' Eucaristia, b'id-divinità u l' umanità tighu, Gesù Cristu sħiħ, collu chem ua !

## IS-SEIHA T' ALLA

Alla ua dach li ħalakna. U chif u dach li mix-xein silitna ghaliex riedna, ecch u coll ried u irid xi ħagia minna. X'inu li irid ? Irid li nbobbuħ u nservuħ f'din id-digna, biex imbaghad ngauduħ 'fis-sema. Izda isserviz t'Alla m'ux min cull ħatt Alla xorta uaħda iridu, Lill min jaħtar Alla biex jaghmlu Sacerdot u lill min ħatru ghal famiglia; lill min riedu bil gid id-digna u lill min riedu ibati figha. Ghandu il bniedem ifittex jara

il volontá t' Alla u din tisseijaħ seiħa tighu meta aħna narau li ua iridna nservuħ actarx f'da l'istat min f'jeħor, u 's-salvazioni taghna tcun eħfef f'dan l' istat min ieħor. Ghala bosta nsara ma ikesux din il ħagia ? U narau li ma jitolbu xein l' Alla li igharrafom il volontà tighu fil ghazla ta l' istat ?— Oh li chienu il bnedmin jaghmlu aħjar il ghazla ta l' istat specialment taz-zuieg, chem actar conna narau barca u consolazioni fid-diar ? Dauch izzuegiet colla li raina maghmulin bill ghakal u fit-talb l' Alla, colla chienu imberchin u jibkghu fil hena sarraba generazioni, chif tgheid il Cnisia fil barca lit-tihom. Izda izzuiegiet maghmulin ghal capricc, ghal interess u bla ghakal... chienu deijem ir-rovina tas-società. Oh, li chienu min cliemna jitħairu xi zeug eruieħ nsara jaghmlu gherusitom fil ghakal, fit-talb t'Alla, billi iħairu lill xiulxin li jircievu is-Sacramenti spiss, li jaghmlu orazioni, li jiccorriegiu lill xiulxin ghal perfezioni tar-ruħ, oh chem conna ngheidu li mux ghal xein ctibna li Alla irid li aħna nficciu il volontà tighu fil ghazla ta l'istat !

## DONNA HRAFA

*(arau in-numru ta kabel).*

L' aghda is-Sur De la Faluere sejiaħ lill' uliedu u kalilom bil ħleuua : Uliedi, ejieu mighi nitolbu ftit fuk il kabar ta ommcom".—Marru bil mixi. Fit-triek ghaddeu min kuddiem il Palazz tal Viscont Morvan u rahom u selmilom. Il missier rà lill bintu ferħana ghaliex rat lill min ua stess chien ueghida, u f' kalbu ħass ferita gdida. Uaslu fuk il kabar, talbu bill ħrara il mistrieħ ta dejiem ghal dich ir-ruħ taiba u flimchien regghu marru id-dar. Chif uaslu, il missier seiħilom fl' istudiu u kalilom ecch : Uliedi emm persuna li intom tafugha illi tinsab confusa; ghaliex tcunu tafu il kuddiem,

trid min ghandcom parir. Dan magistrat li bi ħtia tighu gharrak l' interessi ta famiglia. Ghal bosta zmien ma chienx jaf bil ħtia tighu, issa jaf: id-digna collha ma tafx bil ħtia tighu, izda ua irid iserraħ il coxienza tighu. Gheduli x' ghandu jaghmel.—Jena, naghdru kalet Adelaide, ghaliex icollu iħallas il ħtia tighu bi flusu.—Jen ngheir ghalieħ, kal Carlu, ghaliex jista jati esempiu uisk sabieħ.—Izda, uliedi, is-somma ia uisk cbira, ta cull ma ghandu; icollu jati il gid collu ta uliedu! Ulied magistrat ghandom iħobbu izied il giustizia milj gid tad-digna collha! kalet Adelaide.—Mela dan il parir taghcom, uliedi ?—Iva, dan, o papà !—Jà, uliedi, dan il magistrat ua jen, jen trascurait id-doveri tighi u sejier nfakkar l' uliedi.—Aun, dauc iz zeug uliedu, xteħtu ighankuħ u jifirħu bieħ u ighedulu illi ma ghandux ghaliex jaħseb fihom, izda biss ighedilom chif jistghu ighenuħ biex iseuui il ħsara lill dich il famiglia, ta dich l' armla.

Adelaide ma tistax izied titma fill visconte di Morvan; Carlu ma jistax izied icompli l' istudiu li kabat! Oh, kalet Adelaide, xein ma jimporta li icolna immorru f' casament il campagna, u dan il palazz stess natuħ lilj dich l' armla. Hia Carlu icun mfittex ghal onesta tighu u l'istudii, u 'l fatt generus li inti, Papà, tcun ghamilt, igighel li aħna ncunu mfaħħrin u stmati !—Il missier ħa coragg u l' aghda f' nofs-inhar mar ghand dich l' armla u kalila collox u uerigha il carta li chien sab. Dich krata imbaghd kaltlu: Isma, jen ma tlift katt il ħsieb li chelli fukech li int bniedem seuua u tal ħakk, u jen naccetta dan li toffrili, izda permettili naksam mighech il capital u ma nieħux collox ! Auna bdeu it-tnein joffru il xiulxin u jirringraziau, izda is-sur De la Faluere ħareġ rebbieħ u dich il leila stess daħħal fid-dar tighu lil dich l' armla u ua mar jokghod f' dar tal campagna. Xein ma chien jonkos ghal dauch it-tlet klub, chienu

contenti b' xulxin ; izda Alla ried iħenniħom ucoll f' din id-digna. Isimghu chif marret il biccia.

*(tissocla)*

## FLIXCUN ILMA TA LOURDES

Uieħed Sacerdot chien geij min Lourdes, inzerta b' ziemel li ma jimxix uisk u uasal tart ghall' istrada ferrata, li chienet telket, u ma laħakiex. Dach is-sacerdot ried igheid l' offiziu u ghalecch telak il flixcun, li chellu kuddiem ragel li chien emm uiekaf u kallu: Habib, inti ma intix ser titlak cmieni min aun tista tinducrali dan? U dach b' zorra cbira uiegbu : Halliħa u 'd-dumx. Il kassis mar igheid l' offiziu u x' ħin spiccia, mar ħdein dach ir-ragel u beda iscusa ruħu ghal fastidiu li taħ. U ir-ragiel collu ħleuua ried malmument ikerr, ghaliex kallu, jen ħsibtu mbit dach li emm geuua il flixcun u doktu, izda sibtu ilma : u dach l' ilma geuua fia ghamel miraculu, jeu cont protestant, cioè klibt min Cattolicu f' zghuziti, issa dan ' ilma li inti kighed tgheid li ùa ta Lourdes, dana icconvertieni. U dach is-Sacerdot mill' actar fis sama il krara tighu u taħ il paci, u ħallieħ meta dach ir-ragel telak lein paijsu fein martu u uliedu chienu jittenneuħ.

## AHBARIET

Fit 8 ta Mejiu f' Solesmes chien emm festa uisk sabieħa, ghaliex il Primogenita tal Princep Lowenstein ghamlet il professioni solenni fil Monasteru ta S. Cicilia. Mad-dumx ma titħol maħħa oħta Agnese u tħalli ucoll l' unuri u 'l gid tad-digna ! Beati uma !—Sar f' Lione Reliquiariu uisk sabieħ u prezzius biex imur f' Cartagni u fiħ titkighet il kalb ta S. Luigi Re ta Franza (S. Ludovicu). Dach ua copia ta 's-*Santa Cappella* li bena f'Parigi dach ir-re kaddis, biex fiha tigi mizmuma fil ghozza il curuna tax-xeuch ta Gesù Cristu.—F' Danimarca l' in-

sara cattolici sal 1840 chienu xi elf, issa emm fuk l'4000 u cull jum iridu jizdiedu izied. Jinħtiegiu izda il cnejjes ghaliex il Cappelli li emm ma umiex bizzejjed. U dana fl' Europa! L' actar li emm jaħdmu il Gesuiti uma u 's-Soriet.—L' Opera ta'-S. Infanzia fis-sena li ghaddiet giabret £ 138,484; izied mil 1886, £ 1600.

AVVIS

Mitlubin li nħabbru lill' imsieħbiu taghna li jecch iridu xi copia ta *L' Esposizioni Vaticana illustrata* edizioni ta Ruma, li toħrog f' 40 taksima u tcun figha 320 pagina, ighedilna cmieni—innefka tcun 16 il xelin cull copia intiera.

✝

Nar il ħamis 15 ta Giugnu miet fil belt il Can. Dec. tal Cattedral Dr. D. Vincenzo Dingli, Sacerdot imzejjen bill gherf u bl' umiltà li ia virtù li tgholli lill bniedem fuk l' oħrain. Chem nies ghaliex jafu xi ħagia, iridu jumiliau lill' oħrain? U lilu ucoll ghaliex umili bosta ma chienux jatu cas tighu, x' uħud forsi min dauch li ghamlilom il gid! Izda bosta u dauch li jafu jarau, chienu jirrispettauħ seuua, u jarau fiħ is-Sacerdot il jistħokklu il kima u il ghozza. It-tifchira tighu ìa dejjiem fil barca, u 'l carità tighu ghamlitu ghazis kuddiem Alla u 'l bnedmin!

Nirriccmandau lill imsieħba taghna li jiftacru firruħ ta l' imsieħeb taghna *Giovanni Mifsud*, miz-Zejtun, chellu 49 sena, Alla isabbar il famiglia tighu u jatiħ il mistrieħ ta dejjem.

*Requiem Æternam*

BIS-SENSIA TAL CNISIA

*Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S. Orsola N.187c Ghan-naħħa l' oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato